MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 35/2001/1

**Rikors numru 35/2001**

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u PL Hilda Ellul Mercer**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal- Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 t'April, 2001 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu ghad-Dirett Dominju Perpetwu tal-fond nru 42, fi Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida huwa ta' erbghin Lira Maltija (Lm40) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tad-19 t'Ottubru 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2001 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000.00).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta ta' Dr. Tonio Azzopardi u PL Hilda Ellul Mercer li tghid hekk:

Preliminarjament, jecepixxu n-nullita' tal-proceduri istitwiti mill-Kummissarju tal-Art kontra Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Hilda Ellul Mercer personalment inkwantu huma agixxew biss fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati ghan-nom ta' haddiehor. Ghalhekk, ma jistghux jitrasferixxu l-fond 42, Triq il-Kuncizzjoni, Msida. Tali nullita' mhix sanabbli peress illi timporta s-sostituzzjoni tal-persuni mharrka, u ghalhekk il-proceduri jridu jsiru mill-gdid.

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-eccezzjoni ta' nullita' sollevata mill-intimati qatt ma kienet determinata minn dan il-Bord minkejja li ghaddew seba' snin minn mindu kienet hekk sollevata u minkejja li inghalqu l-provi kollha;

Illi ghalhekk jehtieg illi din l-eccezzjoni tkun determinata qabel kull konsiderazzjoni ohra;

Illi l-intimati ssolevaw l-eccezzjoni ta’ nullita’ kwantu huma kienu citati in atti fil-kwalita’ taghhom personali meta huma mhumiex is-sidien tal-fond esproprijat. Il-Kummissarju tal-Artijiet iddikjara fl-ittra ufficcjali tieghu tal-4 t’April 2001, illi s-sidien tal-fond de quo ma kienux maghrufa u ghalhekk il-proceduri saru kontra kuraturi nominati biex jirrapprezentaw lis-sid jew sidien mhux maghrufa tant li l-intimati kienu notifikati bl-istess ittra ufficcjali u intavolaw ittra risponsiva fil-21 ta’ Mejju 2001 fejn qabel xejn iddeskrivew ruhom bhala nominati bid-digriet tas-26 ta’ April 2001 bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-sid jew sidien mhux maghrufa;

Illi dawn il-proceduri kienu inizzjati kontra Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer fil-kapacita’ personali taghhom u dan ovvjament mhux korrett kif fuq spjegat;

Illi ghalhekk l-eccezzjoni sollevata mil-intimati timmerita li tkun milqugha u dan il-Bord qed jilqa’ l-istess eccezzjoni u jiddikjara nulla u bla effett il-procedura istitwita kontra l-intimati;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------